

31973L0404

17.12.1973

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 347/51

**ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL****tat-22 ta' Novembru, 1973****dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar id-deterġenti**

(73/404/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropej <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali <sup>(2)</sup>,

Billi l-liġijiet fis-seħħ fl-Istati Membri biex jassiguraw il-biodegradabilità ta' surfettanti ivarjaw minn Stat Membru għal ieħor, li jirriżulta fi tfixkil għal kummerċ;

Billi ż-żieda fl-użu ta' deterġenti hija waħda mill-kawżi ta' tniġġis ta' l-ambjent naturali b'mod ġenerali u partikolarment it-tniġġis ta' ilmijiet;

Billi wieħed mill-effetti tat-tniġġis tad-deterġenti fuq ilmijiet, jiġifieri l-formazzjoni ta' ragħwa fi kwantitajiet kbar li tirrestrinġi kuntatt bejn ilma u arja, jirrendi l-ossiġinazzjoni diffiċli, tinħoloq inkonvenjenza għal navigazzjoni, tfixkel il-fotosintesi meħtieġa għall-ħajja tal-flora akkwatika, teżerċita influwenza mhux favorevoli fuq id-diversi stadji tal-proċessi għall-purifikazzjoni tad-dranaġġ, tikkawża ħsara għal impjanti tal-purifikazzjoni tad-dranaġġ u tikkostitwixxi riskju mikrobijoloġiku indirrett minħabba l-possibiltà ta' trasferiment ta' bakterja u mikro-bi;

Billi huwa mixtieq li jinżamm livell medju ta' biodegradabilità ta' deterġenti ta' 90 % u billi t-teknoloġija u l-prattiċitajiet industrijali jagħmlu dan possibbli, u billi hija mixtieqa xorta waħda l-protezzjoni kontra inċertezzi ta' metodi ta' test li jistgħu jwasslu għal deċiżjonijiet ta' rifjut li jkollhom konsegwenzi ekonomiċi importanti,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA

*L-Artikolu 1*

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, deterġent jfisser kwalunkwe prodott li l-kompożizzjoni tiegħu jkun sar studju speċjali bil-

<sup>(1)</sup> ĠU C 10, tal-5.2.1972, p. 29.

<sup>(2)</sup> ĠU C 89, tat-23.8.1972, p. 13.

ħsieb li jkun żviluppata l-kwalitajiet deterġenti tiegħu, u li jkun magħmul minn komponenti essenzjali (surfettanti) u, b'mod ġenerali, komponenti addizzjonali (aġenti awżiljarji, aġenti intensifikanti, addittivi li jimlew u komponenti awżiljarji oħra).

*L-Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq u l-użu ta' deterġenti fejn il-livell medju ta' biodegradabilità tas-surfettanti misjuba fihom ikun anqas minn 90 % għal kull kategorija li ġejja: anjoniku, katjoniku, mhux ioniku u amfolitiku.

L-użu ta' surfettanti b'livell medju ta' biodegradabilità ta' mhux anqas minn 90 % m'għandhomx, taħt użu f'kondizzjonijiet normali, ikunu ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem jew ta' l-annimali.

*L-Artikolu 3*

Ebda Stat Membru ma jista', għal raġunijiet tal-biodegradabilità jew tossiċità ta' surfettanti, jipprojbixxi jew jirrestrinġi jew ifixkel t-tqegħid fis-suq u l-użu ta' deterġenti li jaqblu mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

*L-Artikolu 4*

Il-konformità mal-ħtiġiet ta' l-Artikolu 2 għandha tkun stabbilita permezz tal-metodi ta' l-ittestjar ipprovduti fid-Direttivi l-oħra tal-Kunsill, li jqisu kif mistħoqq in-nuqqas ta' sigurtà ta' metodi bħal dawn u tistabbilixxi t-tolleranzi rilevanti.

*L-Artikolu 5*

1. Jekk Stat Membru għandu jstabbilixxi, permezz ta' proċeduri ta' test magħmula fuq il-bażi tad-Direttivi li għalihom jirreferi l-Artikolu 4, li deterġent ma jaqbilx mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 2, l-Istat Membru għandu jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq u l-użu ta' dak id-deterġent fit-territorju tiegħu.

2. Fil-każ li dak l-Istat Membru jieħu d-deċiżjoni li jipprojbixxi deterġent, huwa għandu immedjatement jinforma l-Istati Membri minn fejn ikun ġej il-prodott u l-Kummissjoni ta' dan, billi jiddikjara r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu u d-dettalji tat-testijiet li għalihom jirreferi l-paragrafu 1.

Jekk l-Istat li minnu jiġi d-deterġent iqajjem oġġezzjonijiet għad-deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mingħajr dewmien kemm lill-Istat Membru konċernat u, jekk xieraq, kull Stat Membru ieħor.

Jekk ma jkunx possibbli li jintlaħaq qbil, il-Kummissjoni, fi żmien tliet xhur mid-data li tirċievi l-informazzjoni kif hemm ipprovdut fl-ewwel sotto-paragrafu għandha tikseb l-opinjoni ta' wieħed mil-laboratorji li għalihom jirreferi l-Artikolu 6, imma mhux wieħed mil-laboratorji notifikati miż-żewġ Stati Membri konċernati taħt dak l-Artikolu.

L-opinjoni għandha tinħareġ bl-użu tal-metodi ta' referenza stabbiliti fid-direttivi li għalihom jirreferi l-Artikolu 4.

Il-Kummissjoni għandha tgħaddi l-opinjoni tal-laboratorju lill-Istati Membri kkonċernati li jistgħu, fi żmien xahar, jgħaddu l-kummenti tagħhom lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tista' fl-istess ħin tisma' kull kumment mill-partijiet interessati dwar dik l-opinjoni.

Wara li tagħti kas ta' dawk il-kummenti, il-Kummissjoni għandha tagħmel kull rakkomandazzjoni meħtieġa.

#### L-Artikolu 6

Kull Stat Membru għandu jgħarraf lill-Istat Membru l-oħra u lill-Kummissjoni dwar il-laboratorju jew laboratorji awtorizzati biex iwettqu testijiet skond il-metodi ta' referenza li għalihom jirreferi l-Artikolu 5(2).

#### L-Artikolu 7

1. It-tagħrif li ġej għandu jidher b'karattri li jinqraw, viżibbli, u li ma jitħassrux fuq il-pakketti li fihom jitqiegħdu d-deterġenti għall-bejgħ lill-konsumatur:

- (a) l-isem tal-prodott,
- (b) l-isem jew l-isem kummerċjali u l-indirizz jew il-marka tal-kummerċ tal-parti responsabbli mit-tqegħid tal-prodott fis-suq.

L-istess tagħrif għandu jidher fuq id-dokumenti kollha li jak-kumpanjaw deterġenti trasportati bil-qabda.

2. L-Istati Membri jistgħu jissuġġettaw it-tqegħid fis-suq ta' deterġenti fit-territorju tagħhom għall-użu ta' l-ilsna nazzjonali tagħhom għat-tagħrif speċifikat fil-paragrafu 1.

#### L-Artikolu 8

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva fi żmien tmintax-il xahar min-notifika tagħha u minnufih jgħarraf b'dan lill-Kummissjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali fil-qasam kopert minn din id-Direttiva jkun mgħarraf lill-Kummissjoni.

#### L-Artikolu 9

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-22 ta' Novembru, 1973.

Għall-Kunsill

Il-President

J. KAMPMANN